**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Marzu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Haymn)**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**vs**

**Charles Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Charles Buhagiar** ta' 37 sena, bin Angelo u Maria nee' Gili, imwieled Pieta` nhar is-6 ta' Novembru, 1981, residenti fil-fond numru 'Kernis', Flat 5, Triq Leonard Mahoney, Xghajra, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 621081M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-9 ta' Lulju, 2018, ghal habta tas-saghtejn nieqes kwart ta' wara nofsinhar (13:45hrs) gewwa Fuq San Pawl, Cospicua;

a. harab mill-kustodja ta' persuna jew persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, u cioe` *PC265 Christian Caruana, PC595 Jean Claude Abela, PC858 Justin Axisa, WPC366*

*Jessica Degiorgio,* u *RPC3149 Victor Mifsud* meta harab minn gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Bormla waqt li kien qieghed arrestat minhabba investigazzjonjiet tal-Pulizija

b. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC265 Christian Caruana, PC595 Jean Claude Abela, PC858 Justin Axisa, WPC366 Jessica Degiorgio, u RPC3149 Victor Mifsud ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkel jew indahal lill-imsemmija ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) Kap.9 tal-Ligijiet ta Malta

c. u aktar talli inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuna ta' PC858 Justin Axisa persuna inkariġata skont il-ligi minn serviżż pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-serviżż, jew bil-ħsieb li jbeżżghu jew li jinfluwixxi fuqhu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-serviżż u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

d. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied

Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-9 ta' Lulju, 2018, ghall-habta ta' bejn il-hamsa u nofs u sitta nieqes kwart ta' filghodu (05:30 – 05:45hrs) gewwa Triq il-Knisja Xghajra u diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer;

e. bil-ħsieb li jwegga lil Jacqueline Briffa, siehbitu, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta mar gewwa residenza tal-imsemmija Jacqueline Briffa jigifieri 130, Ricelan, Triq il-Knisja Xghajra u heddidha u hebb ghaliha, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta` tiegħu;

f. ukoll talli fl'istess data,hin lok u cirkostanzi, kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jacqueline Briffa, hekk kif iċċertifika Dr Jean Paul Camilleri MD. (Reg 3471) u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Ukoll talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor

h. Talli fl'istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi

Ukoll nakkuzawh talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-9 ta' Lulju, 2018, u xhur qabel din id-data gewwa x-Xghajra u diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer;

i. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Jacqueline Briffa siehbitu, taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga , jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex jimmalafama lil Jacqueline Briffa siehbitu, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a)(b)(c) ta' Kapitolu 339 ta' Ligijiet ta' Malta;

j. Fl-istess dati, hin u cirkostanzi bl-imġieba tieghu ikkaġuna lil Jacqueline Briffa, siehbitu, biża' li se tintuża vjolenza kontriha u kontra familjari taghha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tieghu se tikkaġuna lil Jacqueline Briffa u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Charles Buhagiar a beneficju ta' Jacqueline Briffa u familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Jacqueline Briffa u familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Charles Buhagiar b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq,

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Charles Buhagiar sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta lil Charles Buhagiar bhala persuna recediva meta gie issentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdulha u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018, il-parte civile Jacqueline Briffa xehdet li l-imputat kien il-partner taghha u li tixtieq tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu, u li dawn il-proceduri, safejn jikkoncernaw lilha, jieqfu. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti tatha l-fakolta li tikkonsulta avukat u tixhed fis-seduta sussegwenti.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Frar 2019, Dottor Yanika Bugeja ghall-parte civile Jacqueline Briffa irrilevat li l-parte civile ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat, u dan peress illi hija tixtieq tissokta r-relazzjoni li kellha mal-istess imputat u ghalhekk talbet lill-Qorti sabiex tezentaha milli tixhed fil-proceduri odjerni.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' April 2019 gie registrat is-segwenti verbal:
*"L-Ufficjal Prosekutur u l-avukati difensuri jikkonfermaw li fil-mori tad-differiment ma kienx hemm incidenti bejn il-partijiet.*

*Fuq mistoqsija diretta tal-qorti, il-parte civile Jacqueline Briffa regghet ikkonfermat li ma tixtieqx tixhed kontra l-imputat peress li hu s-sieheb taghha u jixtieqi li jergghu jirrikonciljaw.*

*Fid-dawl ta' din l-insistenza tal-parte civile li ma tixhidx, u tenut kont li l-partijiet jixtieqi jergghu jirrikonciljaw, u mill-bidu ta' dawn il-proceduri ma kienx hemm incidenti ohra bejn*

*il-partijiet, il-Qorti mhux qed tinsisti li l-parte civile Jacqueline Briffa tixhed kontra l-imputat.”*

Rat li fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2020, l-Ufficjal Prosekutur irtira l-imputazzjoni “a” migjuba fil-konfront tal-imputat.

Rat li fis-seduta ta’nhar it-8 ta’ Jannar 2020, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet B, C u D migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat li l-piena massima ta' dawn l-imputazzjonijiet hija l-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlett xhur u multa ohra ta' massimu ta' hamest elef euro, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-Avukat tieghu biex jara jridx jirrivedi l-pozizzjoni tieghu.

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, l-imputati wiegeb fl-affermattiv u kkonferma ukoll l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena fuq dawn it-tlett imputazzjonijiet, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Rat li fuq ordni tal-Qorti, il-kawza giet rikjamata ghas-seduta tal-5 ta’ Frar 2020 stante li l-Qorti rrealizzat li fis-seduta precedenti, ghalkemm il-partijiet kienu ddikjaraw il-pozizjoni taghhom rigward l-imputazzjonijiet a, b, c u d ma kienux irregolaw il-pozizjoni taghhom ghall-imputazzjonijiet rimanenti.

Rat li f’dik is-seduta, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li rigward l-imputazzjonijiet mill-ittra ‘e’ sal-ittra ‘j’, il-Prosekuzzjoni m’ghandhix aktar provi.

Id-difiza iddikjarat li m’ghandhix provi, u konsegwentement il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fuq ammissjoni tieghu stess, u anke fuq il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet b, c u d migjuba kontra tieghu.

Rigward l-imputazzjoni mill-ittra ‘e’ sal-ittra ‘j’, dawn jikkoncernaw allegat incident jew incidenti li kien hemm bejn l-imputat u Jacqueline Briffa, is-siehba tieghu. Kif diga inghad, Jacqueline Briffa baqghet tinsisti f’diversi seduti li ma tixtieqx tixhed kontra l-imputat, u konsegwentement din il-Qorti ma insistix li din ix-xhud tixhed anke ghaliex din ix-xhud qalet li hi u l-imputat xtaqu jirrikonciljaw.

Ghalhekk bhala provi rigward dawn l-imputazzjonijiet, il-Qorti ghandha biss ic-certifikat mediku mahrug f’isem Jacqueline Briffa, ir-rapport tal-Pulizija, l-istqarrija tal-imputat u l-mobile tal-imputat.

Il-Qorti tosserva li r-rapport tal-Pulizija ma giex konfermat bil-gurament mill-Ufficjal tal-Pulizija li kiteb il-parti rigwardanti l-incident mal-parte civile, u ghalhekk din il-parti tar-rapport lanqas hi ammissibbli. Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parte civile, il-Qorti ma tistax tlum lill-Prosekuzzjoni li ghalqet il-provi, stante li kwalunkwe prova li setghet tipproduci kontra l-imputat – apparti l-istqarrija tal-imputat u c-certifikat mediku - huma biss *detto del detto* li *se mai* setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-parte civile, kieku din xehdet, pero li wahedhom certament ma kinux se jkunu bizzejjed biex jippruvaw htija.

Rigward ic-certifikat mediku esebit, ghalkemm dan gie ikkonfermat bil-gurament mit-tabib li irrilaxxah, fl-istqarrija tieghu, l-imputat innega li hu kien mar id-dar tal-*parte civile* u ikkagunalha xi griehi. Il-feriti fih deskritti huma ta’ natura hafifa u certament jistghu ikunu ukoll kompatibbli ma’ diversi incidenti, u mhux necessarjament ikkagunati mill-imputat.

Rigward l-imputazzjoni ‘i’ u cioe li l-imputat hedded lill-parte civile permezz tal-mobile tieghu, ghalkemm il-Prosekuzzjoni ezebit il-mobile tal-imputat, hija ma talbet il-hatra ta’ l-ebda espert sabiex il-kontenut ta’ dan il-mobile jigi analizzat. Ghaldaqstant lanqas hemm provi rigward din l-imputazzjoni.

Konsegwentement, l-imputat se jigi illiberat mill-imputazzjonijiet bl-ittri ‘e’ sa ‘f’.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-imputat gie misjub hati biss tal-imputazzjonijiet b, c u d.

Fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2020, gie verbalizzat hekk:
*“Il-Prosekuzzjoni u d-difiza qeghdin jaqblu illi l-imputazzjonijiet b u d huma komprizi u nvoluti fl-imputazzjoni c. In oltre qeghdin jaqblu wkoll illi stante l-ammissjoni tieghu il-piena applikabbli ghall-attur hi dik pekunjarja u mhux ta' prigunerija.”*

Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni, il-piena ghall-imputazzjonijiet ‘b’ u ‘d’, li huma ta’ natura kontravvenzjonali hija assorbita fil-piena tal-reat kontemplat fl-imputazzjoni ‘c’.

L-ammissjoni tal-imputat ma tistax titqies wahda bikrija stante wara li lahqu saru diversi seduti, u l-Prosekuzzjoni ressqet anke provi fir-rigward taghhom.

Il-fedina penali tal-imputat m’hix wahda felici stante li ghandu sitt (6) kundanni minn dawn il-Qrati: tlett kundanni li rigward ingurji, theddid u griehi lill-ufficjali tal-Pulizija, u wahda minnhom anke ta’ rezistenza bil-vjolenza lill-Ufficjali tal-Pulizija, kundanna ghal griehi ta’ natura gravi fuq persuni, ohra ghal griehi ta’ natura hafifa fuq persuna ohra, u kundanna ghal ksur tal-ligijiet tat-traffiku.

It-tlett kundanni li ghandu l-imputat ghal ingurji u theddid lill-Ufficjali tal-Pulizija, wahda minnhom anke bil-vjolenza certament jippreokkupaw lil din il-Qorti, anke ghaliex f’dawn il-proceduri l-imputat ammetta ghal imputazzjoni identika. Fil-kaz odjern, l-imputat hareb waqt li kien mizmum taht arrest fl-ghassa tal-Pulizija, irrezista li jerga’ jigi arrestat, u wara li rega’ gie arrestat hedded lill-wiehed mill-Ufficjali tal-Pulizija.

Dawn il-Qrati ghandhom id-dover li jaghtu l-protezzjoni taghhom lill-forzi tal-ordni fil-qadi tad-doveri legittimi taghhom, u certament ma tistax taccetta li persuna ghal erba’ darbiet – jekk wiehed jinkludi l-kundanna tal-lum – jipprova jintimida lill-Ufficjali tal-Pulizija. Dan

huwa reat serju, u l-messagg li dawn il-Qrati ghandhom jaghtu lis-socjeta jrid ikun wiehed car u li jservi ta' deterrent.

Il-piena massima ghal din l-imputazzjoni hija l-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlett xhur u multa ohra ta' massimu ta'  €5000.
Tenut kont li fil-kaz odjern, jirrizulta mill-provi li l-imputat hedded lill-Ufficjal tal-Pulizija u ma ikkagunalux feriti, il-Qorti m'hix se tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja, pero se tikkundannah ghal piena pekunjarja.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni 'a' stante li din gie irtirata mill-Prosekuzzjoni;

2. Issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet 'e, f, g, h, i'  u 'j' dedotti kontrieh u qed tilliberah minnhom;

3. wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet 'b, c' u 'd' dedotti kontrieh, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta'  sebghin Euro (€70.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2020, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**